ISLES OF THE LEFT

# Il-Kelma Mitkellma: Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta

AUGUST 13, 2019 · JEAN PAUL BORG ·



Iddur fejn iddur mal-kelma festival, jew ma' kwalunkwe tip ta' festival, dejjem hemm ċelebrazzjoni ta' ħajja. Il-letteratura tirrappreżenta l-ħajja permezz tal-kliem, għalhekk hija maħluqa għal ġo festival.

Ritratt: Roger West, Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta 2018 (minn Virginia Monteforte)

minn Jean Paul Borg

Waqt li l-kelma 'festa' qisha mhix traduċibbli, il-kelma 'festival' hija pjuttost arbitrarja. Għal xi wħud hija ċelebrazzjoni reliġjuża, għal oħrajn tlett ijiem ta' mużika u camping, dan l-aħħar f'Malta ġiet abbinata ma' kwalunkwe frotta jew ħaxixa. Għal dawn l-aħħar erbatax-il sena, anki l-letteratura sabet ruħha f'festival permezz ta' Inizjamed u l-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta.

Iddur fejn iddur mal-kelma festival, jew ma' kwalunkwe tip ta' festival, dejjem hemm ċelebrazzjoni ta' ħajja. Il-letteratura tirrappreżenta l-ħajja permezz tal-kliem, għalhekk hija maħluqa għal ġo festival. Il-letteratura ma taljenax, il-letteratura tesponi l-ħajja li qegħdin ngħixu. Il-letteratura tagħti aħbar lill-bniedem bl-arti u s-sengħa tagħha.

*Iddur fejn iddur mal-kelma festival, jew ma' kwalunkwe tip ta' festival, dejjem hemm ċelebrazzjoni ta' ħajja. Il-letteratura tirrappreżen l-ħajja permezz tal-kliem, għalhekk hija maħluqa għal ġo festival.*

La l-letteratura ma taljenax, il-Festival jibda billi jfakkarna fl-għeruq tagħna Mediterranji, permezz ta' ismu stess. Il-Mediterran jitfakkar bħala l-imkien li fih jiltaqgħu tnax-il awtur u fih bħal kif minn dejjem seħħ, isiru l-iskambji. Fost l-awturi se jkun hemm erba' Maltin: Rena Balzan, Antoine Cassar, Elizabeth Grech u Loranne Vella. Dawn l-awturi jiktbu kemm proża u kemm poeżija, huma kontemporanji kif ukoll ifakkru fi żminijiet oħra tal-letteratura Maltija. Kważi kollha għandhom għeruq Maltin imma għażlu li jadottaw artijiet oħra bħala darhom, waqt li jiġu lura lejn din l-art b'frekwenza kostanti.

Magħhom se jingħaqdu awturi li wkoll għandhom għeruq f'xi art imma jgħixu x'imkien ieħor, fosthom Rasha Abbas (Sirja/il-Ġermanja), Eric Ngalle Charles (il-Kamerun/Wales) u Habib Tengour (l-Alġerija/Franza). Yolanda Castaño se twassal il-poeżija tagħha bil-lingwa Galizjana li tippersisti minkejja li tgħix ma' lingwa mitkellma minn ħafna aktar miljuni. Il-poeżija u s-sitwazzjoni preżenti Venezwelna se titwassal minn Yolanda Pantin, waqt li Sampurna Chattarji se twassal letteratura Indjana b'ilsien dak li kien il-kolonizzatur. Astrid Alben (Renju Unit) se twassal letteratura imnebbħa mix-xjenza u Davide Rondoni se jwassal il-poeżija tiegħu bil-lingwa Taljana li għal ħafna hija poetika fiha nnifisha waqt li tfakkarhom fi żmien fejn il-qrubija bejn Malta u l-Italja ma kinitx waħda biss ġeografika.

L-iskambji fil-Festival iseħħu b'diversi modi. Jibdew bejn l-awturi nfushom, fil-workshop tat-traduzzjoni li fih l-awturi jittraduċu lil xulxin, u għalhekk jagħtu ħajjiet differenti lill-poeżiji jew l-istejjer, waqt li l-aħbar ta' individwu f'pajjiż titwassal għand individwu ieħor f'sitwazzjoni differenti. Il-poeżija sellfet lilha nnifisha lill-arti viżiva u waqt il-Festival se jintwera għall-ewwel darba l-film tal-grupp Cine Laurea, *Natura Morta* imnebbaħ minn poeżija bl-istess isem ta' Joe Friggieri.

L-iskambji jkomplu bid-diskussjonijiet flimkien mal-pubbliku. Iż-żewġ diskussjonijiet ta' din is-sena għandhom it-temi *Is Universality a Myth? The Case for Literature* u *(Not) Maintaining the Status Quo*.

> *L-iskambji jkomplu bid-diskussjonijiet flimkien mal-pubbliku. Iż-żewġ diskussjonijiet ta' din is-sena għandhom it-temi* Is Universality a Myth? T Case for Literature *u* (Not) Maintaining the Statu Quo.

Skambju ieħor dirett bejn il-pubbliku u l-awturi huwa l-Palk Ħieles. Il-pubbliku se jkollu ċ-ċans jibdel l-irwol tiegħu minn spettatur għal protagonist. Kif juri l-isem, il-palk se jkun ħieles u daqstant ieħor il-mikrofonu u l-ispirtu.

Il-Festival jikkonkludi ruħu fil-Forti Sant Iermu bejn il-Ħamis, 22 u s-Sibt, 24 ta' Awwissu. Dak li jkun ilu jinħema fid-diskussjonijiet, workshop u l-Palk Ħieles se jinqasam mal-pubbliku. Se ssir intervista kull lejla waqt li l-poeżija, li fil-ħwienet tal-kotba tkun fir-rokna se tieħu rwol ċentrali, se tfakkarna fil-versatilità tagħha, u fis-saħħa tagħha li tqanqal l-emozzjonijiet, tant li kienet darba inkwetat lil Plato. Il-proża se tingħaqad magħha u bħal kif tagħmel il-poeżija, se tuża s-suġġettività tal-kelma sabiex toffri kuntrast mall-oġġettività ħarxa tan-numri dieħlin u ħerġin minn widnejna fuq l-hekk imsejjħa tkabbir u progress li qed iseħħu. Il-qari se jsir l-aktar bil-Malti u l-Ingliż, imma se jinqraw xogħlijiet bil-lingwi oriġinali li inkitbu ukoll. Il-lingwi differenti se jiġu ċċelebrati.

Il-bibien tal-Forti Sant'Iermu se jkunu miftuħa beraħ u bla ħlas, il-ħitan għolja se jkennu flok ibarru. Nies daqskemm simili, differenti se

jiltaqgħu flimkien fost letteratura, films, mużika, ikel u xorb tajjeb.

Il-programm sħiħ jinsab hawn.

Jean Paul Borg twieled fl-1980. Ta' 38 sena iddeċieda li jieqaf jaljiena lilu nnifsu, telaq il-karriera tiegħu u daħal l-Università, fejn qiegħed jistudja l-Malti u s-Soċjoloġija. Ittraduċa x-xogħol ta' Suad Amiry, *Sharon u l-Kunjata* li ġie ppubblikat minn SKS, u ppubblika kollezzjoni ta' tlettax-il storja taħt it-titlu *Mhux Nies*. Huwa jagħmel parti minn Integra u Inizjamed.